KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

---

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 12

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-kunsill Lokali numru 12 li ser tinżamm fl-uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 20 ta' Frar 2025, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 18 ta' Frar 2025

---

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea Sindku
- Christopher Vella Petroni Viċi Sindku
- Alex Aguis Kunsillier
- Sandra Gauci Kunsillier
- Clevion Micallef Kunsillier
- Rachel Williams Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Joseph Matthew Attard Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino Kunsillier
- Alan Bugeja Kunsillier
- Anne Fenech Kunsillier

**Skuzati** :
Il-Kunsilliera Mary Borg
**Assenti :**
Il-Kunsillier Alfred Grima

---

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**12.1 Qari ta ittri t'apoloġija**

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera Mary Borg.

Sindku rrimarka li fil-każ tal -Kunsillier Alfred Grima li qal mhux ha jattendi b'protesta ma tistax titqies bħala skuża

Korrezzjonijiet mill- minuti – Laqgħa Numru 11

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Il-kunsillier Joseph Matthew Attard talab korrezzjoni f'item 11.3 li fejn hemm miktub li telqu il barra mill-laqgħa jiżdiedu il-kliem - 'għal raġuni li żewġ riżoluzzjonijiet speċjali ma ġewx inklużi fl-aġenda ta-laqgħa numru 11'.
Wara li saret diskussjoni kien hemm qbil li fil minuti tkun miktuba ' li f dan il-ħin l-membri f'isem il-Partit Laburista telqu il-barra mil-laqgħa u r- raġunijiet għal dan huma imniżżla fir- riżoluzzjonijiet li ġew preżentati mal-istqarrija li hija annessa mal-minuti.'
Is-sindku talab korrezzjoni f item 11.3 li fejn hemm miktub 'fil-laqgħa preċedenti' trid tkun miktuba 'f'laqgħa preċedenti' u il-kelma ' ppreżentata' tinkiteb ' ppreżentat'

Għall-approvazzjoni ppproponiet il-kunsilliera Sandra Smart Costantino ġew sekondati mill-kunsillier Alex Agius.

Il-kunsill Approva

**12.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 11**

Ma kienx hemm

**12.3 Punti mill-minuti**

Is-sindku rrefera dwar il-kuntratti tal-latrini. Id-dipartiment tal-Kunsill lokali bagħat il-parir u l-pożizzjoni tiegħu fuq dak li kien talab il-kunsill, u ha jsegwi fuq il-rakkomandazzjonijiet tad- dipartiment.
Is-sindku żied li risposti ta'dipartiment ma ġietx imniżżla fl-aġenda minħabba li aġenda kienet diġà intbagħtet.

.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-sindku aġġorna lill-kunsill dwar il- latrini pubbliċi , li kuntratti tagħhom jiġu iffirmati fil-jiem li ġejjien u kuntratturi jibdew mill-1 ta'Marzu jekk ma jkunx hemm problemi. Is-sindku rrefera dwar il-latrina ta ħdejn il-moll li ilha magħluqa mitt 23 ta'Jannar 2025, u r- raġuni kienet minħabba li għaddej xogħol ta' drenaġġ. Is-sindku żied li l-kunsill mhux ha jħallas l-ebda pagament ta' latrini li ma kienux qed jiffunzjonaw filwaqt li l-kuntratti kienu skadew.

Is-sindku issuġġerixxa il- laqgħa annwali ssir fit-13 ta April 2025, u fakkar lill-kunsilliera li jridu jippreżentaw rapport tal-ħidma ta' sena 2024.

Is-sindku nforma lill-kunsill li saret talba mill-ADI ( *Regeneration Tourism Plan* ) biex jagħmlu użu mis- sala ħalli jkun jistaw jitkellmu ma residenti.

Data tal-laqgħa ser tkun Sibt 23 ta Frar.

Is-sindku għamel referenza dwar talba ta €100 mill- Kummissjoni Festa Qalb bla Tebgħa ta' Marija ta Burmarrad għal riklamar fil-fuljett tal-festa .

Il-Kunsill Approva

## 12.5 Quaterly Financial Report

L- Accountant Sur Adam Vella qara r- rapport Quartely Fianacila statement 2024. l-Accountant rrefera għal-infiq rikorrenti li huwa relatat mas-servizzi li l-Kunsill huwa obbligat jipprovdi skont is-Sezzjoni 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill irreġistra defiċit matul is-sena ta' €877,940. Il-kawża prinċipali ta' dan id-defiċit kienet marbuta mal kawża fil-qorti – "Ta' Fra Ben". Is-somma totali ammontat għal €827,849. Il-Kunsill kien qed ibassar surplus annwali ta' €59,000 għall-2024.

L-istqarrija tal-pożizzjoni finanzjarja turi bilanċ finanzjarju b'saħħtu fejn l-assi totali jaqbżu l-obbligazzjonijiet totali b'€2.86M. Il-Kunsill għandu aktar minn €2M f'riżorsi likwidi għad-dispożizzjoni tiegħu. Minbarra l-infiq rebkurrenti, il-kunsill naqas l-obbligazzjonijiet kurrenti tieghu b'aktar minn €430K u invest ukoll f'proġetti kapitali u assi kapitali, b'investiment addizzjonali totali ta' €710K.

Il-Kunsill temm b'suċċess il-perjodu b'indikatur finanzjarju pożittiv ta' 71% tal-allokazzjoni annwali mill-gvern (indikatur baġit: 54%).

l-Accontant sahaq li fil-futur, il-Kunsill qed jimpenja ruħu biex jibqa' jevalwa l-infiq tiegħu sabiex jiżgura li l-Baġit u l-Pjan ta' negozju jintlaħqu.

Il-kunsilliera Rachel Williams staqsiet jekk l-ispejjez ta' avukat ma kienux imdaħħlin fir rapport .

l-Accountant wiegeb fl-affirmativ.

Il-kunsilliera Anne Fenech staqsiet jekk il-flus kollha kienux ngibdu għal dak li għandu x' jaqsam mal-kaz ta Fra Ben.

l-Accountant wieġeb li ammonti thallsu kollha u ma fadal xejn pendent x jithallas fuq dan il kaz mal- persuna konċernata.

Is-sindku staqsa lil Accountant dwar il-ġonnon ta Cassarino u ta' Burmmarrad għal dak li għandu x jaqsam fuq infiq Kapitali , għax mill-informazzjoni li kellu il- gnien ta Burmarrad kien diga ġie finalizzat sa l-aħħar ta' sena 2023 u filwaqt il-gnien ta' Cassarino l-kunsill fadalu kontijiet pendent.

L-Accountant wieġeb li kien hemm żewġ pagamenti li thallsu 2023 pero l-gnien ta Burmarrad kien gie kapitilzzati meta kien beda jintuza mill-pubbliku. L- Accountant sahaq li d-dipartment fadallu jhallas 25% grant fuq zewg ġonnon u dawn qegħdin ikkunsidrati fir-rapport.

Għall-approvazzjoni ppropona il-kunsillier Chris Vella Petroni u ssekondata mill-kunsilliera Rachel Willliams.

Il-*Financial Statement* 2024 u *Quaterly Financial Report* 2024 ġew approvati unanimament .

**12.6** Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma kienx hemm

**12.7** Approvazzjoni ta'kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizz

Ma kienx hemm

**12.8** Aġġornament għal-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fit-18.40 u aġġornat għat-Tlieta 25 ta'Marzu fil 17.30